# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-FAMILJA

**IMĦALLEF**

**ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

**Illum l-Erbgha 13 ta' Lulju 2022**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru : 124/2022 ISB**

**Fl-atti tar-Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Nru 124/2022 ISB maghmul fit-8 ta' Gunju 2022 fl-ismijiet :**

**Jacqueline Fenech** (karta tal-identita' numru 0430567M)

**Vs**

**Etienne Fenech** (karta tal-identita' numru 0241968M)

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-**Rikors** imressaq fit-8 ta' Gunju 2021 minn Jacqueline Fenech u li permezz tiegħu, u għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbet li din l-Qorti iżżomm lill-intimat Etienne Fenech milli :

*Ibiegħ, ipartat, jikri, jew jislef jew illi jitrasferixxi taħt xi titolu ieħor jew xort' oħra jispussessa ruħu minn kull vettura u/jew dgħajsa li tista tkun reġistrata jew liċenzjata f'isem l-intimat waħdu jew*

*flimkien ma' ħadd ieħor jew għan-nom ta' ħadd ieħor, inkluż dawk elenkati fil-lista annessa* ***Dok A****.*

Liema **Dok A** jikkontjeni is-segwenti vetturi u dghajsa:

| **Make and Model** | **Number Plate** |
|---|---|
| Honda Accord | FCI 001 |
| Audi A4 Convertible | VEE 625 |
| Mercedes SL 380 | SLR 107 |
| Mercedes SL 500 | SLR 129 |
| Mustag GT Convertible | MGT 289 |
| Capri 16 | Garaged |
| Audi GT | Garaged |
| Mercedes Pagoda | (Garaged) |
| Porsche | Garaged |
| Peugeot Portner | FCI 006 |
| Mercedes SL 280 | FCI 307 |
| Isuzu Trouper | |
| Citroen Burlingo | FCI 002 |
| Duccato | FCI 007 |
| Chevrolet Vega | VGA 073 |
| Rio Domino | |

U dan ghas-segwenti ragunijiet:

*1 Illi l-esponenti preżenzjalment għaddejja minn proċeduri ta' separazzjoni minn ma żewġha, l-intimat Etienne Fenech, liema proċeduri qegħdin fi stadju ta' medjazzjoni, numru 1226/2021 AGR*

*2 Illi żewġha l-intimat għandu diversi vetturi, għaliex jidelitta fihom;*

*3 Illi fil-lista annessa jirriżulta illi hemm 15-il vettura illi l-esponenti taf bihom, fosthom vetturi illi jiswew ammont konsiderevoli ta' flus, ta' min isemmi Porshe, erbgħa Mercedes, Chevrolet u tnejn Audi u kif ukoll dgħajsa waħda illi l-esponenti taf biha;*

*4 Illi l-esponenti ser issofri preġudizzju irrimedjabbli fl-evantwalita li dawn il-vetturi jew dgħajjes jiġu mibjugħin jew xort' oħra trasferiti lil terzi*

*Illi dana l-preġudizzju li ser issofri l-esponenti ma jistax jiġi evitat, ħlief billi l-intimat jiġi inbit milli ibiegħ, ipartat, jikri, jew jislef jew illi jistrasferixxi taħt xi titolu ieħor jew xorta' oħra jispussessa ruħu minn*

> *kull vettura u/jew dgħajsa li tista tkun reġistrata jew liċenzjata f'isem l-intimat waħdu jew flimkien ma ħadd ieħor jew għan-nom ta' ħadd ieħor, inkluż dawk elenkati fil-lista annessa Dok A.*

**Rat** id-digriet taghha tat-8 ta' Gunju 2022 minn fejn jirrizulta illi l-Mandat kien milqugh b'mod provvizorju liema Mandat kien appuntat ghas-smigh gfhall-udjenza tal-14 ta' Gunju 2022 fil-11:15am.

**Rat** illi fl-udjenza tal-14 ta' Gunju 2022 dehret bis sir-rikorrenti peress illi l-intimat kien ghadu mhux notifikat, tant illi l-Mandat thalla ghas-smigh ghall-24 ta' Gunju 2022.

**Rat** illi fl-udjenza tal-24 ta' Gunju 2022 id-difensur tal-intimat ddikjara illi kien ghadu kemm gie notifikat bir-rikors u dak in-nhar stess kien intavola risposta illi d-difensur tar-rikorrenti talab zmien sabiex jiehu konjizzjoni taghha, biex b'hekk il-Qorti Hallie til-Mandat ghall-provi u trattazzjoni ghat-8 ta' Lulju 2022.

**Rat** ir-**Risposta** tal-intimat tal-24 ta' Gunju 2022 illi permezz taghha huwa wieged hekk:

> *Illi permezz ta ' rikors datat 8 ta' Ġunju, 2022 ir-rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti halli din toħroġ mandat t'inibizzjoni fil-konfornt tal-esponenti. Il-Qorti awtorizzat lill-esponent halli jwieġeb;*
>
> *Illi għalhekk l-esponenti Etienne Fenech qed iressaq din it-tweġiba tiegħu fejn qed jopponi bil-qawwa kollha għall-ħruġ tal-imsemmi mandat;*
>
> *Illi f'dan il-mandat ir-rikorrenti qed titlob lill-Qorti halli jżomm lill-esponenti milli "ibiegħ, ipartat, jikri jew jislef jew illi jitrasferixxi taħt xi titolu ieħor jew xort' oħra jispussessa ruħu minn kull vettura u/jew dgħajsa li tista' tkun reġistrata jew liċenzjata f'isem l-intimat waħdu jew flimkien ma' ħadd ieħor jew għan-nom ta' ħadd ieħor inkluż dawk elenkati fil-lista annessa Dok A...";*
>
> *<u>Illi fl-ewwel lok jingħad li r-rikorrenti Jacqueline Fenech naqset milli tannetti id-Dok A fil-kopja tal-mandat li irċieva l-esponenti Etienne Fenech u għalhekk mhuwiex f'pożizzjoni li jwieġeb eżattament fuq dak li qed titlob l-istess Jacqueline Fenech. Minħabba dan in-nuqqas, l-esponenti jirriserva li jwieġeb fid-dettall hekk kif ikun konxju ta' dak imniżżel f'Dok A u li suppost li</u>*

*ġie notifikat lilu minħabba li jagħmel parti integrali minn dan il-mandat;*

*Illi jidher biċ-ċar li dan il-mandat hu intiż biss biex idejjaq lill-esponenti u biex jagħmel pressjoni fuq l-esponenti Etienne Fenech fi stadju tant delikat ta' medjazzjoni;*

*Illi dan il-mandat hu fattwalment skorrett għax mhuwiex minnu li l-esponenti għandu 15-il vettura iżda 8 (Dok A);*

*Illi qabel xejn l-esponenti jibda' biex jiġbed l-attenzjoni ta' din il-Qorti li fir-rikors magħmul mir-rikorrenti u li ġie notifikat lilu, tali allegazzjoni mhijiex sostanzjata għax qed tallega ħwejjeġ fejn imbagħad lanqas biss resqet provi halli tissostanzja dak li allegat. Inoltre dan, ir-rikorrenti trid tipprova xi dritt għandha* ***u li l-esponenti m'għandux,*** *li bih tikkawtelah b'dan il-mandat u għalhekk t-talba tar-rikorrenti hi fiergħa. L-istess jista' jingħad għall-preġudizzju irrimedjabbli li dwaru ma ssemma xejn;*

*Illi l-esponenti tirrileva li dan il-mandat t'inibizzjoni hekk kif imressaq u t-talba hekk kif dedotta bħala 'mandato di non fare' qatt ma jista' jintlaqa minn din il-Qorti u dana billi, kif intqal fl-istess rikors, għax il-partijiet għaddejjin mill-proċeduri ta' separazzjoni (fil-fatt għadhom fi stadju ta' medjazzjoni), din mhijiex raġuni biżżejjed;*

*Illi inoltre s-suespost u mingħajr preġudizzju, dan il-mandat huwa* ***intempestiv*** *għax il-partijiet għadhom fi stadju ta' medjazzjoni u għadhom ma ġewx awtorizzati biex jipproċedu fil-kontenzjuż;*

*Illi madankollu u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, l-esponenti se jidħol ukoll fil-mertu ta' dan il-mandat għaliex fil-mertu l-istess rikorrenti m'għandhiex raġun xejn u dana għax inter alia l-esponenti m'għandux 15-il vettura iżda 8 kif ġja ingħad kif ukoll li d-dgħajsa hi proprjetà ta' soċjetà li 499 ishma huma ta' oħt l-esponenti filwaqt li l-esponenti għandu biss sehem wieħed (1) ! (Dok B);*

*Illi fi kwalunkwe każ, din id-dgħajsa hi proprjetà ta' terzi u l-fatt li l-esponent għandu sehem wieħed (u allura r-rikorrenti l-iktar li tista' tivvinta jekk hu il-każ, hu nofs sehem !) mhijiex raġuni skont il-liġi biex din id-dgħajsa taqa' taħt l-effetti ta' dan il-mandat. Illi għalhekk ma jistax ikun hemm ebda preġudizzju għar-rikorrenti*

*<u>għax in kwantu l-mandat hu dirett lejn l-esponent, id-dgħajsa ma tistax tiġi trasferita mill-esponent. Allura wieħed jistaqsi, għalfejn il-mandat sar ukoll fil-konfrott ta' din l-opra tal-baħar jekk mhux biss biex ir-rikorrenti tivvessa lill-esponenti</u> ?;*

*Illi l-esponenti jirrileva illi r-rikors tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-imsemmi mandat m'għandux jiġi milqugħ minn dina l-Onorabbli Qorti u dana billi ma jikkonkorrux l-elementi kollha rikjesti bil-liġi halli jinħareġ mandat ta' inibizzjoni ta' dan it-tip;*

*Illi l-esponenti jirrileva illi lanwas sal-grad ta' 'prima facie' [hekk kif tirrikjedi l-liġi f'dan il-każ] ir-rikorrenti ma rnexxielha tipprova l-każ tagħha stante li fl-ewwel lok għadhom fi stat ta' medjazzjoni u fit-tieni lok li dan il-mandat m'huwiex meħtieġ għaliha halli hija tikkawtela xi jedd [Ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datata 31 t'Ottubru 1964 fl-ismijiet **<u>'Mario Blackman v. Terence Edward Crossey'</u>** u sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata 14 ta' Lulju 1988 fl-ismijiet **<u>'Sonia Grech pro et noe v. Stephanie Manfre</u>**"; digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili per Onor. Imħallef Dr. L. Farrugia datat 3 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet **<u>'Dragonara Casino Limited v. Dragonara Resort Limited'</u>** dwar ir-rekwiżiti li għandhom jikkonkorru halli jkun jista' jiġi spedit mandat ta' inibizzjoni];*

*Illi l-esponenti jagħmel riferenza wkoll għal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenzi interessanti tagħha datata 5 t'Awwissu, 1954 fl-ismijiet **<u>'Giacomo Galea v. Pio Bezzina'</u>** fejn bażikament qalet tlitt affarijiet li huma ta' importanza kbira għall-każ odjern –*

*Il-Qorti trid tkun soddisfatta li dak ir-rikorrenti 'prima facie' għandu dawk id-drittijiet;*

*<u>Il-Qorti m'għandhix toħroġ mandat bħal dak jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti u cioe' **DANNI IRRIMEDJABBLI LI JINEĊESSITA' RIMEDJU AGEGWABBLI**; © Il-proċedura tal-mandat t'inibizzjoni hija waħda ta' natura eċċezzjonali;</u>*

*Illi dawn it-tlitt elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jridu jiġu kollha sodisfatti biex mandat jintlaqa';*[1]

*<u>Illi fil-każ odjern, dawn it-tlitt rekwiżiti ma ġewx pruvati partikolarment li dan il-mandat hu rimedju adegwabbli;</u>*

*Illi huwa prinċipju bażilari illi l-istrument tal-mandat ta' inibizzjoni huwa intiż fl-ordinament ġuridiku tagħna sabiex jitħarsu dawk il-jeddijiet pruvati ta' persuna jew persuni, kemm fiżiċi u kif ukoll legali, minn preġudizzju illi fin-natura tiegħu ikun wieħed **irrimedjabbli**. F'dan ir-rigward tajjeb li ssir riferenza wkoll għall-pronunzjament mogħti mull-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **'Angelo Xuereb et noe vs Marin Hili et noe'** (Rikors Numru 3135/94) fis-sens segwenti: "... il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jrkk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li **mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata ...".** Dan l-insenjament pronunzjat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-fuq imsemmija proċeduri fl-imsijet **'Angelo Xuereb et noe vs Marin Hili et noe'** (Rikors Numru 3135/94) jirrifletti duttrina illi kienet diġa ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-qrati nostrani fosthom, 'inter alia', fil-proċeduri fl-ismijiet **'Avukat Dottor Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et'** (Rikors Nru. 3984/92) [per Imħallef Dr. Albert Manche' LL.D.] u **'Victor Mizzi vs Joseph Gasan et'** (Rikors Nru. 4216/92) [per Imħallef Dr. Joseph David Camilleri LL.D.; digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datat 28 ta' Jannar, 2005 fl-ismijiet **'Perit John Gambina vs Fithome Limited'**]*

*Illi tajjeb li ssir riferenza wkoll għal digriet ferm studjat u meqjus mogħti fil-25 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet **'Charles Mugliette vs Saviour Bonnici'**, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Joseph R. Micallef LL.D. li enunċjat kif ġej:*

*"Illi ... l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli". [Ara digriet aktar reċenti fuq dawn il-punti kollha fl-ismijiet **'Miriam Buhagiar vs Chalres Buhagiar et'** datat 16 t'April 2007 [Rik. Nru. 73/ 2007/ LFS]*

*Illi fil-każ odjern wieħed jistaqsi – x'inhuwa l-preġudizzju irrimedjabbli li r-rikorrenti qed tallega li qed issofri u li se ssofri jekk ma jinħariġx dan il-mandat favur tagħha ? It-tweġiba hija xejn għax dan il-mamndat hu intempestiv u jrid jiġi segwit b'kawża*

*meta l-partijiet fi stadju ta' medjazzjoni u għadhom ma ġewx awtorizzati biex jipproċedu fil-kontenzjuż kif ġja ingħad. Fit-tieni lok, ir-rikorrenti ma semmietx danni għax dawn ma seħħewx;*

*Skont il-ġurisprudenza hawn fuq ċitata, ċertament li biex tħares il-jeddijiet tagħha [jekk daw jistgħu b'xi mod jeżistu] ir-rikorrenti m'għandhiex il-ħtieġa ta' dan il-mandat hekk kif dedott, li m'għandux jiġi ikkawtelat bil-mod li qed tipprova tikkawtelah tali'jedd' ir-rikorrenti permezz tal-preżenti mandat;*

*Għaldaqstant l-esponenti jħoss umilment li billi ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti halli jinħareġ dan il-mandat skont il-liġi, ir-rikors tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud b'mod definittiv u dana bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.*

**Semgħat** il-provi prodotti fl-udjenza tat-8 ta' Gunju 2022 u t-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet, rat id-dokumenti kollha esebiti u rat li r-rikors tħalla għall-digriet kamerali li qed jinghata llum.

**Ikkunsidrat;**

Il-partijiet għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali u ghandhom jinsabu fi stadju ta' medjazzjoni quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

Illi r-rikorrenti tikkontendi illi l-Mandat ghandu jolqot il-lista kollha kontenuta f'DOK A u mill-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Gunju 2022, jirrizulta illi d-difensuri tal-partijiet qabblu illi dawk il-vetturi illi huma fuq isem l-intimat, li huma tmienja b'kollox u li huma indikati fir-riposta tal-istess intimat, ghandhom jkunu kolpiti bl-effetti ta' dan il-Mandat. Id-difensur tar-rikorrenti ghamlitha cara illi din id-dikjarazzjoni kienet qed issir minghajr pregudizzju ghat-talba kif postulata u minghajr pregudizzju ghall-bqija tal-vetturi u/jew dghajjes fil-lista DOK A mar-rikors.

Illi jirrizulta lill-Qorti ghalhekk illi fuq il-vetturi:

1. Citroen Berlingo Van, numru FCI-002
2. Fiat Ducato Van, numru FCI-007
3. Peugeot Par Van, numru FCI-006
4. Honda Accord Saloon, numru-FCI 001
5. Ford Capri Saloon, numru JBS-453

6. Porche Carrera 911 Coupe, numru KBS-851
7. Mercedes Benz 500 Saloon, numru SLR-129 u
8. Audi A4 Convertible, numru VEE-625

ma jidhirx illi hemm kwistjonijiet bejn il-partijiet kif jirrizulta minn dak verbalizzat u ghalhekk il-Qorti ser takkolja il-Mandat fil-konfront ta' dawn il-vetturi.

Jifdal ghalhekk illi jigi mistharreg jekk il-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub ghandux jolqot ukoll l-bqija tal-assi msemmija f'DOK A mar-rikors, allura,

| | |
|---|---|
| Mercedes SL 380 | SLR 107 |
| Mustag GT Convertible | MGT 289 |
| Audi GT | Garaged |
| Mercedes Pagoda | (Garaged) |
| Mercedes SL 280 | FCI 307 |
| Isuzu Trouper | |
| Chevrolet Vega | VGA 073 |
| Rio Domino | |

Jirrizulta mix-xhiedha ta' ta' **Michael Savona**, rapprezentant tal-Awtorita' dwar it-Trasport, illi l-unika dghajjsa fil-lista ta hawn fuq, ossia, dik bl-isem ta' "Rio Domino", skond it-*Transcript of Register*, "Domino", din kienet registrata fuq il-kumpannija Rio Domino Services Limited, u dan sas-sena meta jirrizulta illi r-registrazzjoni tad-dghajsa giet ikkancellata. Ulterjorment jirrizulta mix-xhiedha ta' **Dr Claudette Fenech** (MBR) illi l-kumpannija msemmija giet anke struck off f'April 2020.

Dwar ir-rimanenti vetturi, ossia :

| | |
|---|---|
| Mercedes SL 380 | SLR 107 |
| Mustag GT Convertible | MGT 289 |
| Audi GT | Garaged |
| Mercedes Pagoda | Garaged |
| Mercedes SL 280 | FCI 307 |
| Isuzu Trouper | |
| Chevrolet Vega | VGA 073 |

Jjrrizulta minn DOK CS 1 esebit minn **Dr Christopher Spiteri** in rapprezentant ta' Malta Transport Authority, illi dawn il-vetturi ma humiex registrati fuq isem l-intimat Etienne Fenech. Mill-istess xhiedha jirrizulta illi

MGT-289 kienet registrata fuq isem l-intimat sa' Frar 2022 filwaqt illi VGA-073 kienet registrata fuq isem l-intimat sa' Novembru 2011 – fiz-zewg kazijiet ghalhekk sa' data qabel it-talba ghall-hrug tal-Mandat odjern.

L-istess xhud jispjega ukoll illi peress illi l-vetturi indikati "garaged" ma kellhomx numru ta' registrazzjoni, u f'kull kaz fejn ma kienx indikat in-numru tar-registrazzjoni, ma setghax jigi kkonfermat fuq isem min huma registrati dawk il-vetturi.

Ulterjorment jirrizulta illi l-AUDI GT li ukoll hija garaged hija registrata fuq isem ir-rikorrenti, u dan kif jirrizulta mill-log book DOK EF 2 esebit. Mix-xhieda tal-**intimat** jirrizulta ukoll illi l-Mercedes Pagoda hija registrata f'isem kumpannija bl-isem ta' Alfen Trading.

## Ikkunsidrat Ultejrorment:

Il-Qorti tqis illi sabiex jinħareg il-mandat mitlub jeħtieġ qabel xejn li l-Qorti tkun sodisfatta mir-rekwiziti kollha li tirrikjedi l-ligi, speċifikament dawk indikati taħt l-Artikolu 873 tal-Kap. 12 li jipprovdi hekk:

> *1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *2) Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.*

Jeħtieġ għalhekk li jigu sodisfatti żewg rekwiżiti sabiex it-talba tar-rikorrenti tintlaqa': (a) ir-rikorrenti trid turi li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li tippretendi li għandha, u (b) jkun jidher li għandha, mad-daqqa t'għajn (prima facie), dawk il-jeddijiet.

Il-Qorti tqis illi l-Mandat ta'cInibizzjoni huwa att kawtelatorju, u għalhekk jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu ragun fil-mertu, u l-Mandat jinħareg favur dak li jidher, mad-daqqa t'għajn, li għandu jeddijiet x'jipproteġi.

Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha prima facie l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva li ma tiddependiex mid-diskrezzjoni tal-ġudikant (vide **Sonia Grech pro et noe vs Stephanie Manfrè** 14.07.1988 QA).

Jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.

Il-Qorti tqis ukoll illi ż-żewġ elementi ikunu kumulattivi u mhux alternattivi. B'dan ifisser għalhekk illi jekk wieħed minn dawn iż-żewġ elementi jkun nieqes, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

Tajjeb jingħad ukoll li l-proċedura tal-mandat huwa wieħed sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smiegħ tal-kawża dwar l-istess jedd, huwa għalhekk li r-rikorrenti trid turi mad-daqqa t'għajn li hija għandha jedd pretiż.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-mandat ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jezistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat illi tara jekk il-jedd pretiz huwiex suxxettibbli għal success fl-azzjoni fil-mertu, izda biss jekk il-jedd pretiz jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oggettivi tal-ligi. Mhux biżżejjed li r-rikorrent turi li prima facie għandha l-jeddijiet minnha pretiżi izda wkoll li l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni huwa meħtieġ sabiex jitħarsu dawk il-jeddijiet; l-hekk imsejjah "periculum in mora".

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi maghmula cari l-insenjamenti dwar in-natura legali tal-Mandat bhal dak hawnekk mitlub, il-Qorti tqis illi:

Fl-ewwel lok u fir-rigward tal-jedd *prima facie* pretiżi mir-rikorrenti, jinghad illi fir-rigward tal-assi li fuqhom <u>ma kienx</u> hemm qbil bejn il-partijiet kif minnhom verbalizzat, il-jedd taghha ma giex sufficjentament ippruvat u dan ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, riferibbli ghad-diversi assi b'mod separat. Fejn jirrizulta illi vettura hija registrata fuq isimha u mhux isem l-intimat, fejn jirrizulta illi vetturi ohra ma humiex registrati fuq isem l-intimat u fejn jirrizulta illi l-bicca tal-bahar kienet registrata fuq kumpannija illi ma ghadiex tezisti. Ukoll, illi fejn vettura minnhom tirrizulta illi hija registrata

fuq isem kumpannija, Alfen Trading, mkien ma jirrizulta ppruvat illi l-intimat huwa ufficjal taghha. Certament illi fuq livell *prima facie*, ir-rikorrenti ma ppruvatx il-jedd taghha kif trid il-ligi.

Fid-dawl ta' dan il-Qorti ma tistax takkolji l-argument mressaq mill-abbli difensur tar-rikorrenti fir-rigward tal-Artikolu 1326 tal-KAP 16, peress illi una volta dawk l-assi ma jirrizultawx registrati fuq isem l-intimat, allura, almenu fuq livell *prima facie*, tirrizulta l-impossibilita' illi l-intimat jitrasferixxi wahdu l-assi hemmek msemmija in kwantu ma humiex registrati fuqu.

Fit-tieni lok u in kwantu ghall-htiega tal-Mandat, illi l-elementi huma kumulattivi, din il-Qorti ma jidhriliex illi ghandha tistharreg it-tieni element.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi t-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni billi tirrevoka parzjalment fil-kuntest hawnekk deciz id-digriet taghha tat-8 ta' Gunju 2022 u tilqa' t-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni biss u limitatament fil-konfront tal-assi segwenti:

1. **Citroen Berlingo Van**, numru tar-registrazzjoni **FCI-002**
2. **Fiat Ducato Van**, numru tar-registrazzjoni **FCI-007**
3. **Peugeot Par Van**, numru tar-registrazzjoni **FCI-006**
4. **Honda Accord Saloon**, numru tar-registrazzjoni **FCI-001**
5. **Ford Capri Saloon**, numru tar-registrazzjoni **JBS-453**
6. **Porche Carrera 911 Coupe**, numru tar-registrazzjoni **KBS-851**
7. **Mercedes Benz 500 Saloon**, numru tar-registrazzjoni **SLR-129** u
8. **Audi A4 Convertible**, numru tar-registrazzjoni **VEE-625**

Kull parti thallas l-ispejjes taghha.

Mogħti kameralment illum l-**Erbgha 13 ta' Lulju 2022**.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**